# PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

Onor. Imħallef Henri Mizzi

**Illum 26 ta' Settembru 2024**

**Nru: 3**

**Rikors Ġuramentat Nru. 1071/2022**

## Trevor Zammit

**v**

## Louise Anna Sammut

**Daħla**

1. Il-konvenuta talbet, permezz ta' rikors tat-13 ta' Marzu 2024, li l-qorti tieqaf milli tkompli tisma' din il-kawża jew, kif jingħad fil-lingwaġġ użat f'dawn il-qrati, tissoprassjedi, sakemm tiġi deċiża l-kawża fl-ismijiet *Louise Anna Sammut v Trevor Zammit*, bin-numru 259/2022 ("259/2022"), li qiegħda tinstema' mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja).[1]

2. Trevor Zammit ma qabilx mat-talba, u fisser il-pożizzjoni tiegħu permezz ta' risposta mressqa fis-26 ta' Marzu 2024.[2]

---

[1] Paġni 190 - 193
[2] Paġni 206 - 208

3. Il-partijiet ingħataw l-opportunità li jressqu argumenti supplimentari, u dan għamluh: ara in-nota tal-konvenuta imressqa fl-10 ta' Lulju 2024[3] u n-nota tal-attur imressqa fit-30 ta' Awwissu 2024.[4]

4. Dan hu digriet dwar it-talba tal-konvenuta biex jitwaqqaf is-smigħ tal-kawża sakemm tiġi deċiża l-kawża 259/2022.

**Dikjarazzjonijiet żgwidanti**

5. Wieħed mill-argumenti li ressqet Louise Anna Sammut għat-talba tagħha hu li din il-kawża tressqet wara l-kawża 259/2022.[5] Jidher li dan mhux minnu. Din il-kawża tressqet fl-10 ta' Novembru 2022 filwaqt li, skont dak li jidher minn Dok A imressaq mill-attur mar-risposta tiegħu,[6] il-kawża 259/2022 tressqet fit-2 ta' Diċembru 2022. Dan ma ġiex miċħud mill-konvenuta fir-replika tagħha. Il-qorti kienet tistenna spjegazzjoni għall-informazzjoni ħażina li ngħatat, u talba li tiġi skużata.

6. Minn naħa ta' Trevor Zammit il-qorti diffiċilment tifhem il-bażi tal-argument imressaq f'para 11 tan-nota tat-30 ta' Awwissu 2024. Hu pjuttost ċar li l-artikolu 27 tal-Kap. 614 japplika proprju fejn ir-relazzjoni mhix regolata b'att pubbliku.

**Possibilità ta' deċiżjonijiet konfliġġenti; u miżuri alternattivi**

7. Eskluża l-ewwel raġuni mill-konvenuta, il-qorti trid tqis jekk ir-raġunijiet l-oħra[7] - jew xi waħda jew iktar minnhom - humiex kemm tajbin u kif ukoll biżżejjed biex tintlaqa' t-talba tagħha. Dan irid jitqies fid-dawl (i) tal-fatt li l-miżura mitluba mhix maħsuba fil-Kap. 12; u (ii) ta' ġurisprudenza li tgħid (essenzjalment) li l-miżura tista' tintuża minkejja li mhix maħsuba espressament fil-Kap 12, imma li għandha tintuża eċċezzjonalment, fejn hi meħtieġa għall-aħjar amministrazzjoni tal-ġustizzja.[8]

---

[3] Paġni 711 - 724
[4] Paġni 725 - 728
[5] Paġna 191
[6] Paġna 209
[7] Ara paġna 191
[8] Ara, per eżempju, *Dr Alfred Mifsud v Onor Prim Ministru et,* Qorti Kostituzzjonali, deċ. 20 ta' Lulju 1994.

8. Issa f'din il-kawża l-attur qiegħed jitlob li l-konvenuta tiġi żgumbrata mill-fond imsemmi fit-tieni talba. Il-konvenuta tgħid li t-talba m'għandhiex tintlaqa', essenzjalment għaliex għandha dritt toqgħod fil-fond għal ħajjitha, b'titolu ta' kommodat.[9]

9. Fil-kawża 259/2022 hi qiegħda titlob (fost affarijiet oħra) li jiġi ffissat favuriha dritt ta' abitazzjoni fil-fond in kwistjoni sabiex hi jkollha żmien biex issib residenza alternattiva; u biex tingħata kumpens għal kif, skont ma tgħid, l-attur stagħna a spejjeż tagħha.

10. Il-konvenuta tgħid, fost affarijiet oħra, li hemm il-possibilità ta' deċiżjonijiet konfliġġenti.[10] Dan hu l-iktar argument b'saħħtu tal-konvenuta għaliex hu minnu li jista' jinħoloq konflitt f'każ li din il-qorti tiddeċiedi dwar it-tieni talba tal attur, favur tiegħu, qabel ma' l-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) tiddeċiedi dwar l-ewwel talba tal-konvenuta fil-kawża 259/2022.

11. Dan għandu jiġi evitat. Iżda dan mhux neċessarjament jiġġustifika t-twaqqif ta' din il-kawża. Il-qorti trid l-ewwel tara jekk, għal dan il-għan, jistgħux jittieħdu miżuri alternattivi, b'mod li l-obbligu tal-qorti li tisma' l-kawża fi żmien raġonevoli jiġi rispettat.

12. Tali miżuri jeżistu. Dik li hi fi-setgħa tal-qorti hi din: li din il-kawża titkompla almenu sakemm jingħalaq l-istadju tal-provi. Meta jingħalqu l-provi, il-qorti tqis - f'dak il-mument, u fid-dawl ta' dak li jkun ġara jew qed jiġri fil-kawża 259/2022 - għandhiex tagħti sentenza parzjali fir-rigward biss dwar is-siwi tal-eċċezzjonijiet tal-konvenuta, jew inkella għandhiex tagħti sentenza dwar it-tieni talba tal-attur. Fi kliem ieħor il-qorti tiddeċiedi, f'dak l-istadju, jekk għandhiex tistenna l-eżitu – jew aħjar eżitu - tal-kawża 259/2022. Jekk il-qorti tiddeċiedi, f'dak l-istadju, li tistenna, ma jidhrilhiex li għandha, bilfors, tistenna l-eżitu tat-talbiet kollha fil-kawża 259/2022. L-unika talba f'dik il-kawża li għandha rabta mat-talba f'din il-kawża hi l-ewwel talba ta' Louise Anne Sammut; u għalhekk l-unika deċiżjoni li, possibbilment, għandha twaqqaf sentenza sħiħa f'din il-kawża hi deċiżjoni dwar l-ewwel talba fil-kawża 259/2022. Jingħad in parenteżi li, fil-fatt, minkejja li t-talba formali tal-konvenuta hi biex il-qorti twaqqaf din il-kawża sakemm tinqata' l-kawża l-oħra,

---

[9] Ara risposta, paġni 94 - 104
[10] Ara paġna 193

fir-raba' raġuni li tagħti għat-talba tagħha hi kienet kemxejn iktar preċiża dwar dak li, possibbilment, hu ġustifikat, anki jekk mhux f'dan il-mument. Tgħid hekk:

> ... l-ezitu tal-kawza 259/2022 AGV jinfluwixxi ... fuq il-mertu tal-azzjoni prezenti fis-sens li talba ghall-izgumbrament ... ghandha tistenna t-talba tar-rikorrenti fil-kawza 295/2022 AGV [sic] sabiex hija tibqa tirrisjedi f'dan il-fond ...[11]

13. Fi kliem ieħor, il-konvenuta hi tal-fehma ma għandux ikun hemm ordni ta' żgumbrament sakemm tiġi deċiża l-ewwel talba fil-kawża 259/2022. Filwaqt li dan jista' jkun ġustifikat, ma għandux iwaqqaf din il-kawża, almenu mhux issa.

Għal dawn ir-raġunijiet it-talba hi miċħuda, b'dan li l-kawża ser titmexxa kif spjegat aktar 'l fuq.

Spejjeż jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Henri Mizzi
Imħallef

Tristan Duca
Deputat Reġistratur

[11] Paġna 191